# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tas-7 ta' Lulju 2016

Talba Numru: 856/15NHV

Numru fuq il-Lista: 7

**High Spirits Limited**
(C 24667)

**vs.**

**Paul Bezzina**
(K.I. 595577 M)

**It-Tribunal**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fid-29 t' Ottubru 2015, illi permezz tiegħu is-soċjetà attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta' tlett'elef ewro (€3000), rappreżentanti:

bilanċ ta' prezz minn somma ikbar, ta' oġġetti ta' spirti lilu mibjugħa u kkonsenjati tul din l-aħħar sena u dan skont invoice numru 2773, oltre l-imgħax legali mit-18 ta' Ġunju 2014. Il-konvenut fl-24 ta' Ġunju 2014 ħareġ lill-mittenti ċekk għal €3,305 li ġie 'referred to drawer', li minnhom hu ħallas biss is-somma ta' €305, biex b'hekk hu għadu debitur tas-soċjeta` attriċi fis-somma riklamata.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut, ippreżentata fit-13 ta' April 2016, illi permezz tagħha huwa eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok, l-esponenti qatt ma ordna u irċieva din il-konsenja ta' xorb stante li l-firma fuq Dok A ma hijiex tiegħu u għalhekk jinkombi fuq is-soċjetà attriċi li jġib il-prova ta' min ordna x-xogħol in kwistjoni u min ġabar l-istess;

2. Illi t-talba attriċi hija se mai preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Illi fil-kumplament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jiġu miċħuda kontra s-soċjetà attriċi bl-ispejjeż.

Sema' x-xhieda li ġew prodotti mis-soċjeta` attriċi, fejn fost affarijiet oħra, ix-xhud Martin Bugeja rappreżentant tas-soċjeta` attriċi ikkonferma illi l-ammont dovut mill-konvenut lis-soċjeta` attriċi kien ta' elfejn tmien mija u ħames ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€2,805.25).

Sema' wkoll lill-konvenut Paul Bezzina illi min jeddu ammetta t-talba ridotta għal €2,805.25.

Ra illi l-partijiet ftehmu illi l-ammont dovut mill-konvenut lis-soċjeta' attriċi jitħallas f'erba' (4) pagamenti mensili ta' €701.31 (seba' mija u ewro u wieħed u tletin ċenteżmu), kull xahar, bl-ewwel pagament li għandu jsir sal-31 ta' Lulju 2016, pagament ieħor sal-31 t'Awissu 2016, ieħor sat-30 ta' Settembru 2016 u l-pagament finali sal-31 t'Ottubru 2016.

Il-partijiet ftiehmu wkoll illi kemm-il darba l-konvenut jonora dan il-ftehim, kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha, inkluż id-drittijiet legali minnha nkorsi f'din il-kawża.

It-Tribunal spjega lill-konvenut l-effetti ta' tali ammissjoni tiegħu u spjega wkoll li jekk hu jonqos milli jagħmel xi pagament jitlef il-benefiċċju tat-terminu, u jkollu jbati l-ispejjeż kollha tal-kawża huwa wkoll.

Ra l-verbal tas-27 ta’ Ġunju 2016, fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Deċide**

Għaldaqstant fuq ammissjoni u fuq ftehim bejn il-partijiet, it-Tribunal qiegħed jaqta’ u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa’ t-talba attriċi limitatament għas-somma ta’ elfejn, tmien mija u ħames ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€2,805.25) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi is-somma ta’ elfejn, tmien mija u ħames ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€2,805.25) liema ammont jitħallas f'erba’ (4) pagamenti mensili ta' €701.31(seba' mija u ewro u wieħed u tletin ċenteżmu), kull xahar, bl-ewwel pagament li għandu jsir sal-31 ta' Lulju 2016, pagament ieħor sal-31 t'Awissu 2016, ieħor sat-30 ta' Settembru 2016 u l-pagament finali sal-31 t'Ottubru 2016.

Jekk il-konvenut jonqos milli jagħmel xi pagament skond l-istess ftehim huwa jitlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ammont sħiħ isir minnu dovut immedjatament.

L-imgħax jiddekorri mid-data ta’ kwalsiasi pagament li ma jkunx onorat.

Dwar l-ispejjeż, it-Tribunal jiddeċiedi li dawna jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet, iżda fl-eventwalita` li l-konvenut jonqos milli jagħmel xi pagament skond l-istess ftehim, allura l-ispejjeż kollha tal-kawża, inkluż tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi ddatata 10 ta’ Settembru 2015, jkunu a karigu tal-konvenut.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur